Tribunal Ta' Revizjoni Tal-Ambjent U L-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
06 OCT 2021
ST. FRANCIS DITCH FLORIANA

Nru tal-Kaz: IF0304/21-C

Josef Camilleri

vs

Awtorita tal-Ambjent u r-Rizorsi

**Appell ta' Josef Camilleri detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0485776M**
Jesponi bir-rispett:-

1. Illi nhar il-12 ta' Marzu tas-sena 2021 wara spezzjoni minn ufficjali tal-Infurzar tal-Awtorita' ghall-Ambjent u r-rizorsi, l-appellant gie mmultat penali amministrativa ta' elfejn ewro (€2,000), li kopja ta' dan qieghda tigi hawn annessa u mmarkata **Dok A**, rizultat tal-allegazzjoni illi:

   *Nhar il-Gimgha, 12 ta' Marzu 2021, is-Sur Josef Camilleri wettaq xoghlijiet ta' manutenzjoni fuq opra tal-bahar magemb Triq Dawret il-Qalb Mqaddsa f'Birzebbuġa, u materjal tossiku iggenerat mill-imsemmi manutenzjoni spicca fil-bahar. Konsegwenza t'hekk is-Sur Josef Camilleri niggez il-baħar bl-attivita' li kien wettaq. Dawn ix-xogholijiet li ghalihom hu responsabbli s-Sur Josef Camilleri, jmorru kontra kunsiderazzjonijiet ambjentali u jiksru r-regolamaneti dwar l-iskart – L.S 549.63*

2. Illi l-appellant hassu aggravat minn din il-penali amministrattiva u ghalhekk baghat is-sottomisjonijiet tieghu lill-Awtorita Intimata, li kopja ta' dan qieghda tigi hawn annessa u mmarkata **Dok B**.

3. Illi nhar is-7 ta' Settembru 2021, l-Awtorita' intimata ma laqghetx is-sottomisjonijiet tal-appellant u l-istess Awtorita' kkonfermat il-hrug tal-penali amministrattiva. Kopja ta' din id-decizjoni qieghda tigi hawn annessa u mmarkata **Dok C**.

4. Illi s-sur Camilleri jhossu aggravat minn din id-deċizjoni u ghalhekk qieghed jintavola dan l-appell a bazi tar-ragunijiet u argumenti segwenti:-

**L-Ewwel Aggravju**

a) Illi l-appellant ma kienx qieghed jaghmel uzu minn ebda materjal tossiku waqt li kien qieghed jaghmel xogholijiet ta' manutenzjoni fuq l-opra tal-bahar tieghu.

Illi l-materjal li kien qieghed juza l-appellant kien *anti-fouling material* li jfisser li tali materjal ma huwa bl-ebda mod tossiku li jikkawza hsara ambjentali jew johloq xi tip ta' dannu fl-ilma, izda l-iskop ta' dan il-materjal huwa illi jipprotegi lill-ambjent. Huwa ghalhekk illi ma nkissret l-ebda dispozizzjoni tal-Ligi fir-Regolamenti dwar l-Iskart (L.S. 549.63).

Illi ghalkemm l-appellant gie avvicinat minn ufficjali tal-Infurzar tal-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi, ma sar l-ebda tehid ta' kampjuni ta' dan il-materjal li jikkonferma li dan kien filfatt materjal tossiku.

**It-Tieni Aggravju**

b) Illi minghajr preguddizju ghall-aggravju premess, ghalkemm hija veritiera l-affermazzjoni illi l-appellant wettaq xoghlijiet ta' manutenzjoni fuq opra tal-bahar fi Triq Dawret il-Qalb Mqaddsa f'Birzebbugia, ghandu jigi sottolineat illi s-*slipway* fl-imsemmija triq tithallas mill-appellant u dan jista' jigi kkonfermat minn kopja ta' ricevuta li qieghda tigi hawn annessa u mmarkata **Dok D**.

Illi semmai li kieku dan it-tip ta' xoghol ma kienx jista' jsir, l-appellant ma kienx ser jigi provdut b'*supply* tad-dawl mill-Fisheries Department sabiex ikun jista' jsir xoghol ta' manutenzjoni fuq opri tal-bahar.

Barra minn hekk, fl-imsemmija *slipway* f'Birzebbuga, gew installati *gutters* minn Infrastructure Malta, sabiex l-ilma mill-hasil tad-dghajjes jghaddi ghall-*gutters* u jingabar f'tankijiet. Illi dan il-progett gie fis-sehh mid-data ta' meta l-appellant ircieva l-imsemmija tahrika u cioe' fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021).

**It-Tielet Aggravju**

c) Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji premessi, l-piena mposta mill-Awtorita intimata fil-konfront tal-appellant kienet waħda sproporzjonata u eċċesiva fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Illi madankollu l-appellant qatt ma inghata xi tip ta' 'warning' qabel ma giet imposta din il-penali amministrattiva u sal-lum il-gurnata dan it-tip ta' manutenzjoni ghadu jsir f'kull slipway f'Malta u Ghawdex.

Ghaldaqstant, l-appellant filwaqt li jaghmel referenza ghall-fatti fuq esposti, jitlob bir-rispett lil-dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jirrevoka l-penali amministrattiva ta' elfejn ewro (€2000).

**Avv Jean Paul Sammut**
Sammut Advocates
Mriehel Business Hub
Triq l-Arkata l-Baxxa, Mriehel

**Elenku ta' Dokumenti**

1. Dok A  kopja tat-tahrika tal-penali amministrattiva.
2. Dok B – kopja ta' nota ta'sottomissjonijiet mibghuta mill-appellant lill-Awtorita' tal-Ambjent u r-Rizorsi.
3. Dok C – kopja ta' decizjoni mill-Awtorita' tal-Ambjent u r-Rizorsi datata 7 ta' Settembru 2021.
4. Dok D – kopja ta' ricevuta ta' hlas ta' *slipway*.

**Avv Jean Paul Sammut**
Sammut Advocates
Mriehel Business Hub
Triq l-Arkata l-Baxxa, Mriehel

Lista ta' Xhieda

1. L-appellant ghall-konferma tal-fatti dikjarati u sabiex jixhed.
2. Rapprezentanti/Impjegati tas-socjeta' appellata.

**Avv Jean Paul Sammut**
Sammut Advocates
Mriehel Business Hub
Triq l-Arkata l-Baxxa, Mriehel

Appellant: 23, Litz, Triq il-Fossili, Birzebbugia

Appellat: Environment & Resources Authority, Hexagon House, Spencer Hill, Marsa, MRS 1441